# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-4 ta' Diċembru 2024**

**Talba nru. 34/2024 IS**

**CITADEL INSURANCE PLC (C 21550) KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURATI TAGĦHA MATTHEW JOHN CAMILLERI U DANIEL MICALLEF SIA BIL-POLZA U BIL-LIĠI, U L-ISTESS MATTHEW JOHN CAMILLERI U DANIEL MICALLEF**

***VERSUS***

1. **MANATURA OPERATIONS LIMITED ĠJA GP BORG BUSBESIJA LIMITED (C 85801);**
2. **GP BORG HOLDINGS LIMITED (C 66564);**
3. **GP BORG MANUFACTURING LIMITED (C 84642)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Frar 2024 (a fol. 1), l-atturi talbu l-ammont ta' elfejn tliet mija u sitta u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2,346.60) rappreżentanti danni sofferti mis-soċjetajiet konvenuti li skond l-atturi dawn id-danni seħħew minħabba n-nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' prekawzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti, kif ukoll l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż kollha.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-23 ta' Frar 2024 fejn l-atturi ġew awtorizzati jipproċedu bin-notifika tas-soċjetajiet konvenuti (a fol. 3 u 4).

Ra illi s-soċjetajiet konvenuti ġew debitament innotifikati fit-28 ta' Frar 2024 (a fol. 6).

Ra illi s-soċjetajiet konvenuti ma ppreżentaw ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas dehru għas-seduta wara li ġew innotifikat b'dan illi waqgħu fi stat ta' kontumaċja (a fol. 8).

Ra illi l-atturi ippreżentaw il-kapitolu fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti (a fol. 46).

Ra illi s-soċjeta assikuratriċi Elmo Insurance Limited (C 3500) ippreżentat rikors ai termini tal-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (a fol. 48).

Ra illi saret seduta oħra fl-24 ta' April 2024 għas-subizzjoni tas-soċjetajiet konvenuti b'dan illi pero' dehret rappreżentanza tas-soċjetajiet konvenuti (a fol. 49) u f'liema seduta it-Tribunal ikkonċeda terminu sabiex is-soċjetajiet konvenuti jispjegaw għaliex kienu fi stat ta' kontumaċja b'dan illi pero' naqsu milli jippreżentaw din l-imsemmija nota.

Ra illi l-atturi ippreżentaw ir-risposta tagħhom fuq l-intervent tal-kawża tas-soċjeta assikuratriċi Elmo Insurance Limited (C 3500) (a fol. 51 sa 54).

Ra illi dan it-Tribunal ta digriet f'dan ir-rigward (a fol. 56 sa 59).

Ra illi r-rappreżentanza legali tal-partijiet rispettivi qablu illi jagħmlu sottomissjonijiet finali orali u mhux bin-nota ta' osservazzjonijiet, hekk kif dettat fil-verbal datat 7 ta' Ottubru 2024 (a fol. 55).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Dan it-Tribunal irid jiddiskuti l-kontumaċja tas-soċjetajiet konvenuti, il-preżentata tal-kapitolu fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti u anke l-evidenza ippreżentata mill-atturi sabiex ikun jista' jikkonkludi jekk it-talba tal-atturi tistax tkun milqugħa jew le, u dan fuq bażi ta' probabbilita' hekk kif titlob il-Liġi fil-kamp ċivili.

<u>Il-Kontumaċja tas-Soċjetajiet Konvenuti</u>

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi s-soċjetajiet konvenuti ma ressqu ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas dehru għas-seduta wara li ġew

innotifikati b'dan illi waqgħu fi stat ta' kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-atturi da parti s-soċjetajiet konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm is-soċjetajiet konvenuti baqgħu kontumaċi, dan ma jfissirx li huma abbandunaw kull eċċezzjoni li setgħu jagħmlu fil-kawża u ammettew id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-atturi li jressqu provi sal-grad ta' probabbilità u li jressqu l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tas-soċjetajiet konvenuti (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> *"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Il-Kapitolu

Dan it-Tribunal ukoll jirrileva illi il-fatt illi ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti, dan il-kapitolu ma jistax jitqies bħala mistqarr ai termini tal-Artikolu 702 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex ir-rappreżentanza tas-soċjetajiet konvenuti kienet preżenti meta din it-talba kienet appuntata għas-subizzjoni tas-soċjetajiet konvenuti, hekk skond il-verbal datat 24 ta' April 2024 (a fol. 49).

Inoltre', dan it-Tribunal jirrileva illi anke li kieku l-kapitolu kien dikjarat mistqarr, dan ma jfissirx illi tali prova hija biżżejjed sabiex tali Tribunal ikun jista' jsib ħtija tas-soċjetajiet konvenuti. Fil-fatt, *"mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza in re* ***James Trapani et v. Vincent Cilia*** *(28 ta' April 2000), "il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il_prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.""*[1]

L-Azzjoni tal-Atturi

L-atturi ikkontenew fl-avviż tat-talba (a fol. 1) illi ż-żewġ vetturi ta' Matthew John Camilleri u Daniel Micallef ġarrbu ħsarat minħabba n-negliġenza u nuqqas ta' prekawzjonijiet min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti. Ukoll, l-atturi ippreżentaw diveri dokumentazzjoni li tinsab a fol. 9 sa 41. Iżda, dan it-Tribunal irid jeżamina jekk din id-dokumentazzjoni, flimkien ma' kull xhieda, hix biżżejjed sabiex it-Tribunal ikun jista' jasal għall-konklużjoni illi s-soċjetajiet konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi o meno, u dan lil hinn mill-kontumaċja tas-soċjetajiet konvenuti u l-kapitolu ippreżentat fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti.

Dan it-Tribunal jibda sabiex jaċċenna illi l-Artikoli 558 sa 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirregolaw bis-sħiħ kif il-partijiet fil-kawża għandhom iressqu l-provi tagħhom.

Dan it-Tribunal jirrileva illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax ikun injorat mill-atturi, u liema Artikolu jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-

[1] VODAFONE MALTA LIMITED ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LIMITED [REG. NRU. C-10865] VERSUS ASHLEY JOHN GALEA [K.I. NRU. 393006L], 30 ta' Mejju 2022, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Ref.: 308/2021

Imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."* Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fejn il-Qorti diversement presjeduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) ('ir-rikorrent') vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) ('l-intimati')***[2] illi *"mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib**."* L-istess qal it-Tribunal diversement presjedut fejn fis-sentenza ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO***[3] ikkonkluda illi *"dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista' toffri jew tressaq."* B'dan illi tali Artikolu pero' ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella it-Tribunal ikun qed iżomm ma' parti jew oħra inġustament u b'dan illi dan it-Tribunal jista' biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' xi parti jew oħra.

It-Tribunal ħares bir-reqqa lejn id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-atturi hawn fuq imsemmija iżda ma seta' jsib l-ebda prova li tgħaqqad lis-soċjetajiet konvenuti għal dak allegat mill-atturi, iktar u iktar meta s-soċjetajiet konvenuti irrespinġu l-allegazzjonijiet tal-atturi fis-sottomossjonijiet finali, u dan liema dritt kien mogħti lilhom ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li t-Tribunal seta' jara illi l-atturi ippreżentaw diversi ritratti li juru ħajt u xibka tal-ħadid fuq il-vetturi tal-atturi, fl-ebda mument, u ċioe' la mid-dokumentazzjoni u anqas mix-xhieda datata 10 ta' April 2024 li tinsab a fol. 47 u 48ta' Dr. Jonathan Gatt li huwa rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, ma hemm ebda indikazzjoni illi il-proprjeta' ta' fejn waqa' l-ħajt u x-xibka tal-ħadid hija tas-soċjetajiet konvenuti jew li s-soċjetajiet konvenuti wettqu dawk ix-xogħolijiet li wasslu sabiex waqa' dan il-ħajt u waqgħet ix-xibka tal-ħadid.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' tali ġurisprudenza, dan it-Tribunal jikkonkludi li ma jistax jasal għal konklużjoni fuq bażi ta' probabbilita' illi s-soċjetajiet konvenuti huma verament il-persuni responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi.

Dan it-Tribunal jirrileva wkoll illi tali konklużjoni qiegħda wkoll issir ai termini tal-Artikolu 9 (1) tal-Att Dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* illi filwaqt illi tali artikolu jħaddan il-prinċipju tal-ġustizzja naturali, pero' huwa ferm importanti illi jżomm f'moħħu *"Illi jsegwi illi filwaqt li l-formaliżmu eċċessiv għandu*

2 18 ta' Settembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021
3 3 ta' Frar 2020, Tribunal Ghal Talbiet Żgħar, Ref.: 80/2019

*jiġi evitat f' dawn il-proċeduri ta' natura sommarja, ma jistax ikun dubitat illi l-osservanza tar-regoli tal-proċedura hi meħtieġa biex jiġi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawża u r-regolarità tagħha."*[4]

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-atturi.

Jillibera lis-soċjetajiet konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-atturi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

[4] Justin Spagnol [I.D. 562491M] (appellat) Vs Janice Briffa bħala leġittimu rappreżentanta tal-minuri Ruud Buhagiar [I.D. 504772M] (appellanta), 30 Mejju 2017, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), Ref.: 1277/2010